MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 519/2014

**GO plc**
**C22334**

**vs**

**Cherubini Rossano**
**ID60082-[A]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta` attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija, disgha u sittin ewro, tmienja u hamsin centezmu (€469.58c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40158581 moghtija mis-Socjeta` attrici skont l-annessi dokumenti

mmarkati Dok.‘IZY1’ u Dok.‘IZY2’ – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok.‘IZY3’ – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok.‘IZY4’ – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti li gewipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.‘IZY1’ sa Dok.‘IZY4’.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha d-deposizzjoni li nghatat minn rapprezentant tas-Socjeta` attrici fis-seduta tat-13 ta’ Marzu, 2015, permezz ta’ liema xhieda gie dikjarat illi l-konvenut ma wettaq ebda hlas akkont tal-ammont pretiz u li ghalhekk l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta’ erba’ mija, disgha u sittin ewro, tmienja u hamsin centezmu (€469.58c) bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------